MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 239/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander sive Andy Whiteford**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander sive Andy Whiteford talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) fil-lejl ta' bejn it-tlettax u l-erbatax ta' Settembru 1998, ghall-habta tan-nofs siegha neqsin hames minuti ta' bil-lejl, f'Bugibba, flimkien ma' persuni ohra ta' identita` mhix maghrufa, ikkommetta serq ta' iktar minn elf liri Maltin (Lm1,000), minn l-istabbiliment "Mc Donalds" li jinsab

sitwat f'Islet Promenade Str., Bugibba, ghad-dannu tal-Kumpanija "First Foods Stores Ltd." Li hija proprjeta` ta' Paul Hili mill-Wardija limiti ta' San Pawl il-Bahar, u ta' persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1,000) izda ma jeccedix l-ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000), bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin;

b) nhar il-Gimgha 16 ta' Ottubru 1998, ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghaxija, f'B'Kara, flimkien ma' persuna ohra ta' identita` mhix maghrufa, ikkommetta serq ta' madwar mija w hamsin liri Maltin (Lm150) minn l-istabbiliment "Southern Fried Chicken" li jinsab sitwat fi Triq Psaila, B'Kara, ghad-dannu tal-Kumpanija "C.C.M. Ltd", li hija proprjeta` ta' Carmel Abdilla minn Hal-Kirkop u ta' persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt liri Maltin (Lm100) izda ma jeccedix l-elf liri Maltin (Lm1,000), bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin;

c) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, flimkien ma' persuna ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` li jikkommetti reat ta' serq ta' madwar mija w sebgha w disghin liri Maltin (Lm197), minn l-istabbiliment "Southern Fried Chicken" li jinsab sitwat fi Triq Psaila, B'Kara, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt liri Maltin (Lm100) izda ma jeccedix l-elf liri Maltin (Lm1,000), bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment tal-Kumpanija "C.C.M. Ltd", li hija proprjeta` ta' Carmel Abdilla minn Hal-Kirkop u ta' persuni ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu;

d) fil-lejl ta' bejn it-tlettax u l-erbatax ta' Settembru 1998, ghall-habta tan-nofs siegha neqsin hames minuti ta' bil-lejl, minghajr ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, kien komplici fl-arrestar, zamm jew sekwestru ta' diversi persuni kontra l-volonta` taghhom, liema persuni kienu gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' "Mc. Donalds", li jinsab sitwat fi Triq Islet Promenade, Bugibba, u b'dan talli l-persuni arrestati, mizmuma jew issekwestrati gew mhedda bil-mewt, jew dan id-delitt sar bil-hsieb ta'

estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex il-persuni msemmija jkunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta’ hwejjighom, kif ukoll fuq persuni ohra li kienu fil-vicinanzi ta’ l-istess stabbiliment, inkluz l-impjegati ta’ l-istess stabbiliment u l-klijenti;

e) nhar-il Gimgha 16 ta’ Ottubru 1998, ghall-habta tad-disgha w nofs ta’ filghaxija, minghajr ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, flimkien ma’ persuna ohra, arresta, zamm jew issekwestra, diversi persuni kontra l-volonta` taghhom, liema persuni kienu gewwa l-istabbiliment bl-isem ta’ “Southern Fried Chicken”, li jinsab sitwat fi Triq Psaila, B’Kara, u b’dan talli l-persuni arrestati, mizmuma jew issekwestrati gew mhedda bil-mewt, jew dan id-delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, jew biex il-persuni msemmija jkunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta’ hwejjighom, kif ukoll fuq persuni ohra li kienu fl-istess stabbiliment, inkluz l-impjegati ta’ l-istabbiliment u l-klijenti;

f) fil-lejl ta’ bejn it-tlettax u l-erbatax ta’ Settembru 1998, ghall habta tan-nofs siegha neqsin hames minuti ta’ bil-lejl, f’Bugibba, fil-hin li kien involut f’delitt ta’ serq, hu jew il-persuni komplici mieghu, kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

g) nhar-il Gimgha 16 ta’ Ottubru 1998, ghall-habta tad-disgha w nofs ta’ filghaxija, f’B’Kara, fil-hin li kien involut f’delitt ta’ serq, hu jew il-persuna komplici mieghu, kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

h) fil-lejl ta’ bejn it-tlettax u l-erbatax ta’ Settembru 1998 ghall-habta tan-nofs siegha neqsin hames minuti ta’ bil-lejl, f’Bugibba, huwa jew il-persuni komplici mieghu, zamm u garr arma/i tan-nar minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

i) nhar-il Gimgha 16 ta' Ottubru 1998, ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghaxija, f'B'Kara, huwa jew il-persuna komplici mieghu zamm u garr arma/i tan-nar minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

j) f'xi hin bejn il-hamsa ta' wara nofs inhar ta' nhar-it tlettax ta' Settembru 1998 u t-tlieta ta' filghodu ta' nhar-il erbatax ta' Settembru 1998, gewwa Selmun, huwa jew persuni komplici mieghu li huma ta' identita` mhix maghrufa, ikkommettew serq ta' vettura, numru tar-registrazzjoni LDK 301, ta' l-ghamla Ford Fiesta, ta' kulur abjad, li l-valur taghha jammonta ghal iktar minn elf liri Maltin (Lm1,000) izda inqas minn ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000), ghad-detriment tal-kumpanija “Alpine Rent A Car Ltd.” li hija proprjeta` ta' Anthony Zahra minn San Pawl tat-Targa u ta' persuni ohra;

k) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-hinijiet ta' wara, huwa jew il-persuni komplici mieghu, ikkommettew hsara volontarja fuq vettura ta' ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni LDK 301, liema hsara saret ghad-detriment tal-kumpanija “Alpine Rent A Car Ltd.” li hija proprjeta` ta' Anthony Zahra minn San Pawl tat-Targa u ta' persuni ohra, liema hsara tammonta ghal iktar minn hamsin liri Maltin (Lm50) izda inqas minn hames mitt liri Maltin (Lm500);

l) f'xi hin bejn is-sittax ta' Ottubru u s-sbatax ta' Ottubru 1998, gewwa San Giljan, huwa flimkien ma' persuna ohra ta' identita` mhix maghrufa, ikkommettew serq ta' vettura, bin-numru tar-registrazzjoni EAW 621, ta' l-ghamla Mini Minor, ta' kulur blue, li l-valur taghha jammonta ghal iktar minn mitt liri Maltin (Lm100) izda inqas min elf liri Maltin (Lm1,000), ghad-detriment ta' sidha Anthony Buttigieg, li joqghod il-Belt Valletta;

m) f'dawn l-ahhar sitt xhur f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

n) fis-sitt xhur ta’ qabel it-tmintax t’Ottubru 1998, saq vetturi ta’ ghamliet differenti minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija taht kategorija “B”, jew licenzja specifikata u b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` jew garanzija dwar riskji ta’ terzi persuni;

o) kiser il-provediment ta’ l-artikolu 5 ta’ Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, impost fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Minorenni ta’ Malta nhar-il 21 ta’ Ottubru 1996, fejn huwa kien gie misjub hati ta’ reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mid-data tas-sentenza;

p) kiser il-provediment ta’ l-artikolu 9 ta’ Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, impost fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Minorenni ta’ Malta nhar-it 30 ta’ April 1998, fejn huwa kien gie misjub hati ta’ reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Gunju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi Alexander sive Andy Whiteford, sabitu hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, ghajr ghat-tielet u t-tlettax-il akkuza li huma akkuzi alternattivi li minnhom illiberatu, u sabitu mhux hati tal-hdax u l-erbatax-il akkuza stante li l-artikoli tal-ligi ghall-imsemmijin akkuzi huma mankanti fl-artikoli mibghutin mill-Avukat Generali u ghalhekk illiberatu minnhom, u, wara li rat l-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(b), 281, 31, 20, 22, 23 u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikoli 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal erba’ snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Alexander sive Andy Whiteford pprezentat fil-5 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ma sabitux hati tat-tielet u tat-tlettax u l-hdax u l-erbatax-il akkuzi, thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati

tal-hmistax-il akkuza u minnha tilliberah, tikkonfermaha fejn sabitu hati ta’ l-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu u tvarja l-piena inflitta fuqu billi tirriduciha sostanzjalment;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ Victoria Scicluna;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti missha lliberat lill-appellant mill-akkuza numru hmistax stante illi huwa kien diga` gie kkundannat sena prigunerija quddiem Qorti ohra ghall-ksur tal-provvediment ta’ l-artikolu 5 tal-Kap. 152 li kien gie applikat mill-Qorti tal-Minorenni bis-sentenza taghha tal-21 ta’ Ottubru 1996.

Dwar dan l-aggravju l-appellant ghandu ragun in parti. Mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellant u mill-kopja legali tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta’ Novembru 1998 jirrizulta illi giet ikkonfermata sentenza tal-Qorti tal-Minorenni ta’ l-24 ta’ Awissu 1998 li permezz taghha l-imsemmi Alexander Whiteford gie kkundannat tliet xhur prigunerija dwar serq ikkwalifikat u theddid skond l-artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali, ghaxar liri (Lm10) *ammenda* b’referenza ghas-sentenza tal-21 ta’ Ottubru 1996 u ghaxar liri (Lm10) ohra *ammenda* u canfira u twiddiba dwar is-sentenza tat-30 ta’ April 1998. Konsegwentement l-ewwel Qorti, li ma talbitx kopja aggornata tal-fedina penali ta’ l-appellant, erronejament ittrattat mill-gdid ma’ l-appellant dwar l-imsemmijin zewg sentenzi u konsegwentement anke ddikjarat erronejament illi kienet “prekluza li taghti sentenza alternattiva minhabba l-ksur tal-provvedimenti taht l-att tal-*probation*”.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena li jghid hija eccessiva ghas-segwenti ragunijiet: ikkoopera mal-Pulizija; ammetta quddiem l-ewwel Qorti; fi zmien ir-reati in kwistjoni kien ghad ghandu sittax-il sena u ghalhekk

kien immatur; it-trobbija tieghu kienet infelici; kellu dipendenza qawwija fuq id-droga; fil-*pre-sentencing report* saret rakkomandazzjoni ghal sentenza alternattiva; l-ewwel Qorti ma kkunsidratx it-trapass taz-zmien; ghamel programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, rega' waqa' fil-vizzju izda rega' ssottometta ruhu ghal programm fejn mar tajjeb hafna.

Jinghad l-ewwelnett illi huwa minnu li l-appellant jidher li kkoopera mal-Pulizija wara li gie arrestat bhala persuna suspettata in konnessjoni mar-reati hawn in kwistjoni; difatti ghamel stqarrijiet pjuttost ezawrjenti. Meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-3 ta' Dicembru 1998 pero` ddikjara li ma kienx hati ta' l-akkuzi addebitati lilu. Kien biss fid-19 ta' Mejju 2003 – kwazi hames snin wara u wara li l-prosekuzzjoni kienet ilha taghmel tentattivi biex tirrintracca l-ahhar zewg xhieda taghha – li ammetta l-akkuzi u, wara li l-Qorti tatu l-opportunita` jikkonsidra dik l-ammissjoni, ikkonferma l-istess.

Issa, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Din il-Qorti ezaminat l-artikoli tal-ligi applikabbli ghal dan il-kaz u jirrizulta bla ebda dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti, anke bit-tnaqqis li kellu jsir minhabba l-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija fil-parametri tal-ligi. Naturalment irid jittiehed kont ta' dak li ntqal dwar l-ewwel aggravju, u cioe` li l-ewwel Qorti erronejament ittrattat mill-gdid ma' l-appellant dwar il-ksur

tal-provvedimenti ta’ l-artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta (u mhux l-anqas kif iddikjarat l-ewwel Qorti l-artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 peress illi meta nghataw is-sentenzi tal-21 ta’ Ottubru 1996 u tat-30 ta’ April 1998 kien ghadu vigenti l-Kap. 152 u skond l-artikolu 28 tal-Kap. 446 id-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 ghandhom ikomplu japplikaw ghal kull ordni jew liberazzjoni kondizzjonata mahruga taht l-imsemmi Kap. 152).

Dwar il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta’ Ottubru 2002 qalet hekk:

**“Issa apparti li kif gie spjegat aktar ‘il fuq f’din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta’ parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Repablika ta’ Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Repablika ta’ Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).**

**Jista’ pero` f’xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza ‘Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi’ (29.1.2001) ghalkemm f’din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

**Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista’ jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta’ piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta’ zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f’dan il-kaz - u dana a skapitu ta’ dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata’ aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.”**

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-process u minnhom jirrizulta illi kien hemm diversi seduti li nzammu inutilment – numru minnhom ghax ma gewx rintraccati xi xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll xi uhud ghax ma deherx l-appellant. Pero` wara li l-appellant ammetta fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2003 u l-Avukat Generali, fit-23 ta' Gunju 2003, rrinvija l-atti ghall-gudizzju mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, it-trapass ta' tliet snin sakemm finalment inghatat is-sentenza kien unikament a beneficcju ta' l-istess appellant peress illi ntalbet mid-difiza li jsir *pre-sentencing report* (seduta tat-28 ta' Novembru 2003), sar ordni temporaneju ta' supervizjoni (seduta tat-23 ta' Frar 2004), u saru rapporti progressivi minn Ivan Sultana li kien l-ufficjal tal-*probation* inkarigat, kif ukoll minn Josette Camilleri f'isem l-agenzija SEDQA. Minn dawn ir-rapporti jirrizulta li l-progress inizjali safa fix-xejn ghax l-appellant rega' beda jabbuza mid-droga. Jigifieri l-proceduri kontra l-appellant twalu anke ghal ragunijiet imputabbli lill-appellant stess.

Issa, din il-Qorti tistqarr li hija tapprezza d-diffikultajiet li ghadda minnhom l-appellant fi tfulitu u m'ghandha l-ebda dubju li huwa jixtieq ibiddel hajtu. Tapprezza wkoll il-fatt li huwa rnexxilu jsib ghajnuna f'numru ta' persuni u f'agenziji li jipprovdu l-mezzi ta' rijabilitazzjoni. Sfortunatament huwa uzufruwixxa minn dik l-ghajnuna ghal xi zmien izda ma kien qatt sod bizzejjed biex jibqa' fit-triq it-tajba u dan x'aktarx ghax ma gharafx jittekilja xi krizijiet li minn zmien ghall-iehor huwa ffaccja. Din il-Qorti ghandha wkoll d-dover li taghti protezzjoni lis-socjeta`. Fir-rigward tar-reati odjerni, li huwa kkometta meta kellu biss hmistax-il sena (mhux sittax-il sena), dawn huma reati serjissimi li jikkawzaw allarm fis-socjeta` u li jittrawmatizzaw lill-vittmi taghhom. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena idoneja hi dik ta' prigunerija effettiva salv li sejjer ikun hemm temperament fil-piena kemm minhabba li l-appellant sejjer jigi lliberat mill-akkuzi (o) u (p), kif ukoll minhabba l-eta` hekk zghira li kellu meta kkommetta r-reati odjerni u anke sabiex jinghata l-opportunita` ahharija li mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jigi inserit fi programm

ta’ rijabilitazzjoni u li trid tinkludi necessarjament ghajnuna psikologika.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi (o) u (p), tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ erba’ snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn u sitt xhur bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz,  u tikkonfermaha fil-bqija. Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex, possibilment minnufih, jinserixxi lill-appellant fi programm residenzjali ta’ rijabilitazzjoni minhabba l-problema ta’ l-abbuz tad-droga kif ukoll jipprovdi lill-istess appellant l-ghajnuna psikologika mehtiega.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------